



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 7/24

il-Lussemburgu, 16 ta' Jannar 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-621/21 | Intervjuirasht organ na DAB pri MS (Nisa' vittmi ta' vjolenza domestika)

Vjolenza kontra n-nisa: il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kundizzjonijiet għall-benefiċċju tal-protezzjoni internazzjonali

In-nisa, fit-totalità tagħhom, jistgħu jitqiesu li jappartjenu għal grupp soċjali fis-sens tad-Direttiva 2011/95 u jibbenefikaw mill-istatus ta' refuġjat jekk il-kundizzjonijiet previsti minn din id-direttiva jiġu ssodisfatti. Dan ikun il-każ jekk, fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, huma jkunu esposti, minħabba l-ġeneru tagħhom, għal vjolenza fiżika jew mentali, inkluża l-vjolenza sesswali u domestika. Jekk il-kundizzjonijiet għall-ġenotip ta' status ta' refuġjat ma jiġux sodisfatti, huma eliġibbli għall-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari jekk ikunu f'riskju reali li jinqatlu jew li jiġu suġġetti għal vjolenza.

Ċittadina Torka, ta' oriġini Kurda, ta' twemmin Musulman u ddivorzjata, li tallega li għet imġiegħla tiżżewweġ mill-familja tagħha, u li għet imsawwta u mhedda minn żewġha, qed tibża' għal ħajjitha kieku kellha tirritorna lejn it-Turkija, u ppreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Bulgarija.

Il-qorti Bulgara li quddiemha tressqet il-kawża ddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Id-Direttiva 2011/95¹ tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ġenotip ta' status ta' refuġjat u, min-naħa l-oħra, tal-protezzjoni sussidjarja li minnha jistgħu jibbenefikaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-**istatus ta' refuġjat** huwa previst fil-każijiet ta' persekuzzjoni ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz minħabba razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari. Il-**protezzjoni sussidjarja**, min-naħa tagħha, hija prevista għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li ma jkunx jista' jitqies li huwa refuġjat, iżda li fir-rigward tiegħu jkun hemm raġunijiet serji u pprovat li jagħtu wieħed x'jifhem li, jekk jintbagħat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu, huwa jkun ser jiffaċċja riskju reali li jsofri dannu serju, li jinkludi b'mod partikolari l-eżekuzzjoni u trattamenti inumani jew degradanti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **d-Direttiva għandha tiġi interpretata b'osservanza tal-Konvenzjoni ta' Istanbul² li torbot lill-Unjoni Ewropea u li tirrikonoxxi l-vjolenza fuq in-nisa bbażata fuq il-ġeneru bħala forma ta' persekuzzjoni**. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **n-nisa, fit-totalità tagħhom, jistgħu jitqiesu li jappartjenu għal grupp soċjali fis-sens tad-Direttiva 2011/95**. Konsegwentement, **huma jistgħu jibbenefikaw mill-istatus ta' refuġjat** meta, fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, huma jkunu esposti, minħabba l-ġeneru tagħhom, għal vjolenza fiżika jew mentali, inkluża l-vjolenza sesswali u domestika.

Jekk il-kundizzjonijiet għall-ġenotip ta' status ta' refuġjat ma jiġux sodisfatti, huma jistgħu jibbenefikaw mill-**protezzjoni sussidjarja, anki fil-każ ta' theddida reali li jinqatlu jew jiġu imposti fuqhom atti ta' vjolenza minn membru tal-familja tagħhom jew tal-komunità tagħhom**, minħabba l-allegat ksur ta' regoli kulturali, reliġjużi jew tradizzjonali.

NOTA: Ir-rinviju għal deċizzjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta'

att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Id-Direttiva 2011/95/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.

² Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, tal-11 ta' Mejju 2011.